**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Novembru, 2020**

**Talba Nru: 9/2020 PM1**

**Maria Elsworth (ID 234291(M))**

**Vs**

**Robert Fenech (ID 32290(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Jannar, 2020 li permezz tieghu l-attrici talbet li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess attrici is-somma ta' elf, mija u erbgha u sittin euro (€1164) rapprezentanti arretrati ta' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tat-tfal minuri tal-partijiet, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz senjatament il-kopji tar-rikors tal-istess attrici datat 3 ta' Mejju, 2018 u d-digriet relattiv moghti mill-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 18 ta' Gunju, 2018.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li:

L-attrici ma esebiet xejn flimkien mal-avviz taghha in sostenn tat-talba ghall-hlas ta' elf mija u erbgha u sittin euro. Lanqas qatt hija ma pprezentat lill-konvenut b'ricevuti tal-hlas relattiv jew interpellatu sabiex ihallas is-sehem tieghu kif jinsab allegat fl-avviz.

Ghalhekk anke jekk ghall-grazzja tal-argument it-talba tirrizulta fondata, l-attrici ghandha tbati l-ispejjez ta' din il-procedura.

Ra n-nota tal-attrici datata 21 ta' Lulju, 2020 b'anness l-affidavit taghha u dokumenti a sostenn tat-talba.

Sema' x-xhieda tal-konvenut waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru, 2020 u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt l-istess seduta.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tal-attrici li permezz taghha irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' tmin mija u sitt euros u disgha u sebghin centezmi (€806.79) stante pagament fil-mori tas-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin euro u wiehed u ghoxrin centezmi (€357.21).

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas lill-attrici mill-konvenut ta' diversi somom rapprezentamenti spejjez tas-sahha u edukazzjoni tat-tlett uliedhom. Il-konvenut wiegeb ghal tali talba billi stqarr li l-attrici ma ezebietx dokumenti in sostenn ta' tali talba u lanqas ma pprezentat ricevuti ghall-hlas minghandu kemm qabel kif ukoll mal-prezentata tal-kawza.

Illi rrizulta li permezz ta' digriet datat 18 ta' Gunju, 2018, l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) laqghet it-tielet talba tal-attrici kif dedotta permezz tar-rikors taghha datat 3 ta' Mejju, 2018 u kwindi ordnat lill-intimat ihallas nofs l-ispejjez tas-sahha u tal-edukazzjoni tat-tfal minuri tal-partijiet.

Illi madanakollu matul dawn il-proceduri, senjatament waqt ix-xhieda tieghu, l-istess konvenut ezebixxa sitt prospetti b'annessi maghhom l-ircevuti mertu ta'dawn il-proceduri u sussegwentement ghadda sabiex hallas parti mill-ammont mitlub. Fil-fatt f'dan ir-rigward il-konvenut xehed li huwa mhuwiex qieghed jikkontesta l-ammonti indikati fil-prosetti ezebit minnu rispettivament immarkati Dok. RF1, RF2, RF3 u RF5 u fis-seduta tad-disgha (9) ta' Novembru, 2020 gie verbalizzat li l-ammonti kontestati huma dawk koncernanti x-xiri ta' zraben u l-ispejjez relattivi ghall-Klabb 3-16.

Illi fir-rigward ta' RF4 il-konvenut xehed:

> "*Qed nesebixxi prospett li qed jigi mmarkat bhala dokument RF4, nghid li minn dak li fhimt jiena dan il-prospett 2 jirrigwarda sett ta' ricevuti koncernanti x-xiri ta' bejn tmienja u ghaxar pari zraben tat-tfal. Nghid li jiena ma nhossx li ghandi nhallas ebda sehem minn dan l-ammont u dan ghaliex jiena diga nhallas il-manteniment. Ma jirrizultax li dan l-ammont kien relatat ma' xi spejjez t'edukazzjoni u ghaldaqstant jiena nikkontendi li dan ghandu jkun kompriz fil-manteniment li nhallas. Apparti hekk anke kieku stess dawn iz-zraben kienu gew mixtrija ghall-iskola ma nistax nifhem kif tlett itfal utilizzaw bejn tmienja u ghaxar pari zraben f'sena wahda.*"

Fir-rigward ta' RF6 il-konvenut xehed:

> "*Fir-rigward ta' dok RF6 nghid li dan jirrigwarda kontijiet ta' Klabb 3 to 16. Jiena nikkontendi li dan il-klabb m'ghandux x'jaqsam u ma jinvolvix spejjez edukattivi, huwa biss klabb li t-tfal imorru ghandu meta l-ex partner tieghi u cioe' l-attrici ma tkunx tista zzommhom, ghaldaqstant jiena nghid li jiena m'ghandix inkun tenut li nhallas din is-somma bhala parti min-nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tat-tfal. Nghid li l-attrici kienet ghaddietli biss zewg kontijiet jew tlieta rigwardanti l-Klabb 3 to 16 ghal bqija dawn il-*

*kontijiet qatt ma kont rajthom qabel ma nfethet din il-kawza. Nghid li jiena l-ewwel darba li skoprejt dawn l-ircevuti hlief ghal dawk it-tnejn jew tlett ircevuti ta' Klabb 3-16 nghid li skoprejthom meta bdejt inkellem l-avukat tieghi wara li nfethet din il-kawza u da parti tieghu sa fejn naf jiena l-avukat tieghi kien kellem lill-avukat tal-attrici."*

Fir-rigward tal-Klabb 3-16 il-konvenut ikkontenda li, salv ghal ftit kontijiet, huwa qatt ma ra l-ircevuti relattivi ghall-ammont mitlub mill-attrici f'dan ir-rigward qabel ma nfethet il-kawza odjerna u wkoll li, skont hu, permezz tax-xhieda tieghu, li l-funzjoni tal-Klabb ma tistax tigi kompriza f'xi aspett edukattiv li huwa ghandu jkun tenut li jhallas is-sehem tieghu skont kif ordnat mill-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Madanakollu in kontro-ezami l-istess konvenut ammetta wkoll li huwa ma jafx ezattament liema servizzi huma offruti minn tali Klabb salv illi t-tfal jinzammu hemmhekk wara l-hinijiet tal-iskola:

"*Qed nikkontendi madanakollu li xorta wahda dawn l-ispejjez ma humiex spejjez ta' natura edukattiva u dan peress li sa fejn naf jiena dan il-klabb jircievi li-tfal, jaghtihom breakfast u jzommhom hemmhekk sempliciment peress li jkun hemm il-genituri li jkunu qeghdin jahdmu.* ***Qed jigi suggerit lili li effettivament il-kontijiet f'dok RF6 rigwardanti l-klabb jirreferu wkoll ghaz-zamma tat-tfal wara l-hin skolastiku fejn hemmhekk isiru wkoll attivitajiet ta' natura edukattiva. Nghid li jiena dwar dan ma nafx, naf biss li l-kontijiet jirreferu ghaz-zamma tat-tfal kemm qabel ma tibda l-iskola kif ukoll ghal wara. Nghid li jiena pero' ma nafx ezatt xi jsir f'dan il-klabb****, naf li kien hemm kazijiet fejn it-tfal baqghu hemmhekk u effettivament inzammu f'dan il-klabb anke wara l-hinijiet tal-iskola u kif ukoll qabel.*" (enfazi mizjuda)

Illi f'dan ir-rigward huwa maghruf u jinghad kjarament anke fis-sit tal-Internet tal-istess Klabb, kif citat mill-avukati difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni bil-fomm taghhom li s-servizz ta' Klabb 3-16 huwa servizz ta' wara l-iskola għat-tfal ta' bejn it-3 u s-16-il sena, li jattendu skejjel tal-Istat, tal-Knisja jew indipendenti. Tfal li jattendu Klabb 3-16 igawdu minn programm ippjanat ta' attivitajiet fejn it-tfal jagħmlu l-*homework* u

jieħdu sehem f' attivitajiet edukattivi, inkluzi imma mhux limitati ghal attivitajiet edukattivi ta' divertiment. Is-servizz jingħata minn tim ta' staff professjonali, li jassigura programm ta' kwalità. Konsegwentement huwa car li, b'differenza minn dak li jahseb il-konvenut il-Klabb ma joffrix semplicement servizz ta' *baby-sitting* jew zamma tat-tfal li l-genituri taghhom jahdmu wara l-hinijiet tal-iskola imma jinvolvi servizzi ta' natura edukattiva minn tim ta' nies professjonali. Konsegwentement l-ispiza inkorsa mill-omm f'dan ir-rigward tinkwadra ruhha fl-ambitu tal-ispejjez ta' natura edukattiva li l-missier huwa tenut li jippartecipa fihom skont id-digriet tal-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni ta-Familja) datat 18 ta' Gunju, 2018. Jinghad ukoll li, kif ammetta l-istess konvenut, huwa kien konsapevoli li t-tfal kienu qeghdin jintbaghtu ghal tali Klabb anke ghaliex inghata kopji ta' xi ircevuti rigwardanti l-istess. Ma jirrizultax mill-provi li l-konvenut qatt ha xi proceduri fis-sede opportuna sabiex jikkontesta dan b'xi mod. Konsegwentement it-Tribunal ser isib li l-konvenut huwa tenut li jhallas lill-attrici is-somma mitluba minnha anke relattiva ghall-ispejjez inkorsi minnha fir-rigward tal-Klabb 3-16.

Illi fir-rigward tal-ispejjez ghax-xiri ta' zraben tat-tfal il-konvenut ikkontenda li hawn ukoll l-ammont mitlub kien fil-fehma tieghu eccessiv u li, fi kwalunkwe kaz, ma jistax jigi kkunsidrat bhala spiza naxxenti mill-bzonnijiet edukattivi tat-tfal (anke jekk biss permezz tax-xhieda tieghu u mhux ukoll permezz ta' eccezzjoni formali). Madanakollu, hawn ukoll in kontro-ezami, stqarr li "***fir-rigward ta' dok RF4 jekk dawn iz-zraben kienu gew mixtrija ghat-tfal ghall-iskola jiena ma nsibx problema li nhallas is-sehem tieghi purche jirrizulta wkoll li dawn thallsu fir-rigward mhux ta' sena skolastika wahda imma fuq medda ta' tlett snin kif qed jigi suggerit lili u cioe' minn Settembru 2017 sa Settembru 2019***" (enfazi mizjuda). It-Tribunal fela l-ircevuti ezebiti mill-attrici u kif ukoll Dof. RF4 prezentat mill-istess konvenut. Tenut kont l-eta` zghira tat-tfal u tenut kont ukoll li tali spiza giet inkorsa fir-rigward ta' tlett itfal fuq medda ta' almenu sentejn, it-Tribunal ma jsib xejn irragjonevoli jew eccessiv fit-talba tal-attrici. Jirrizulta wkoll tali spiza giet inkorsa fix-xhur tas-sajf jew maggjorment ghall-habta ta' Settembru tas-snin relattivi meta allura huwa indikattiv li, almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet, tali spiza giet effettivament inkorsa minnha mhux bhala bzonn regolari tat-tfal imma fil-kuntest tal-bzonnijiet edukattivi tat-tfal in vista tas-sena akkademika

sussegwenti. F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota wkoll li tali spejjez gew effettivament inkorsi mill-attrici bejn Settembru, 2017 u Settembru 2019 (f'dan is-sens kemm il-prospett tal-attrici u kif ukoll Dok. RF4 ezebit mill-istess konvenut). Ghaldaqstant, avut rigward ghall-istess xhieda moghtija mill-konvenut stess fejn huwa stess iddikjara li ma kienx hemm kontestazzjoni min-naha tieghu jekk dawn l-ispejjez gew tassew inkorsi bejn l-2017 u l-2019, it-Tribunal huwa tal-fehma li anke f'dan ir-rigward it-talba attrici hija gustifikata.

Illi finalment, fir-rigward tal-kumment tal-konvenut li "*ghal futur preferibbilment l-attrici meta tkun ser taghmel dan it-tip ta' spejjez jew tinfurmani minn qabel jew almenu meta taghmilhom almenu tindikali fiex ikunu ntefqu dawn il-flus u dan permezz ta' itemized bill*" (xhieda moghtija minnu in ezami waqt is-seduta tat28 ta' Settembru, 2020), it-Tribunal jishaq li huwa l-obbligu tal-genituri li jikko-operaw bejniethom fl-ahjar interess tal-ulied. Dan necessarjament ifisser li anke jekk illum il-gurnata l-genituri m'ghadhomx flimkien xorta wahda jinkombi fuq l-omm l-obbligu li tinforma debitament lill-missier bl-ispejjez inkorsi minnha jew li ser jigi nkorsi minnha b'tali mod li l-konvenut ma jigix sorpriz bi spejjez akkumulati u/jew li jmorru oltre l-espettattivi tieghu filwaqt li jinkombi wkoll fuq il-konvenut li jhallas l-ammonti reklamati b'mod tempestiv *multo magis* fejn ma jkunx hemm kontestazzjoni tal-istess. Fil-kaz in ezami jidher li minkejja l-fatt li bosta mis-somom reklamati mill-attrici ma kenux qed jigu effettivament kontestati mill-konvenut kif xehed huwa stess anke f'dawn il-proceduri, xorta wahda thallus biss meta l-kawza kienet diga` differita ghas-sentenza. Fuq kollox il-konvenut kellu jkun ampjament a konoxxenza tal-obbligi tieghu skont id-digriet tal-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u fil-fatt kien jinkombi fuqu wkoll l-obbligu li jiddetermina x'kien mehtieg minnu sabiex huwa jkun adempixxa pjenament mal-obbligi tieghu bhala missier minghajr il-htiega ta' proceduri legali ta' nfurzar. Ma rrizultax li l-konvenut ghamel xi tentattiv f'dan ir-rigward matul is-snin li ghalihom jirreferu l-ispejjez hawn reklamati. Anzi, skont ix-xhieda tieghu stess jirrizulta li huwa naqas milli jhallas ghal diversi snin anke ammonti li rrizultaw mhux kontestati minnu minkejja li, skont hu stess, inghata xi ricevuti ghal tali skop.

It-Tribunal huwa kwindi tal-fehma li l-konvenut ghandu jbaghti wkoll l-ispejjez ta’dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa’ t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma mitluba kif ridotta minnha ghas-somma ta’ tmin mija u sitt euros u disgha u sebghin centezmi (€806.79) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-31 ta’ Jannar, 2020 data tan-notifika lill-konvenut tal-avviz odjern kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**